A.L. 84 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm7,966,800 6.35% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998

(L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 (1) (a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza li b'żieda mas-somma ta' Lm5,000,000 6.35% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 75 ta' l-1993 pubblikat fl-1 ta' Ġunju, 1993, għandhom jinħarġu Lm2,966,800 6.35% *Stock* tal-Gvern, sabiex b'hekk l-ammont totali maħruġ fl-Ewwel Ħruġ bis-saħħa ta' l-imsemmi Avviż Legali Nru. 75 ta' l-1993 ikun ta' Lm7,966,800.